**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Clint Mifsud**

Kaz Numru: 11/16

Illum 11 ta'April 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clint Mifsud, ta' 26 sena, iben Louis u Rose nee' Farrugia, imwieled Pieta' fil-25 ta' Novembru, 1989 u residenti 4, Triq Guze' Maria Camilleri, Hamrun u detentur ta' karta tal-identita' 553689 (M):

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Gunju, 2014, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11:30hrs) gewwa Triq is-Salina, limiti tan-Naxxar, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni

tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Kia, tip Ceed, bin-numru tar-registrazzjoni CLT117;

1. Talli, involontarjament kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Godwin Marmara', ai termini tal-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kodici Krimnali;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bin-nurmu tar-registrazzjoni CLT117 b'manjiera traskurata u perikoluza, ai termini tal-Artikolu 15 (1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel hsara fil-vettura tal-ghamla Perodua bin-numru tar-registrazzjoni DBN646 propjeta ta' Rosa Maria Marmara', ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qieghed jigi addebitat li nhar is-27 ta' Gunju 2014 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu gewwa Triq is-Salina, limiti tan-Naxxar, saq il-karozza tieghu Reg Nru CLT 117[1] u involontarjament kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Godwin Marmara'; li saq b'manjiera traskurata u perikoluz; u finalment li

[1] Registrata fuq isem Louis Mifsud – xhieda ta' Karen Cremona fit-13 ta' April, 2016

nvolontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura misjuqa mill-istess parte civile, liema karozza kienet registrata fuq isem martu[2].

## Id-Dinamika tal-Incident

Illi mil-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka Kia tip Ceed bin-numru ta' registrazzjoni CLT 117, fi Triq is-Salina limiti tan-Naxxar fid-direzzjoni lejn it-Telgha ta' Alla u Ommu. Il-hin kien ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu. Fil-karreggjata l-ohra, fid-direzzjoni opposta, kien qieghed isuq il-parte civile Godwin Marmara' l-karozza tal-ghamla Perodua bin-numru ta' registrazzjoni DBN 646. L-imputat baqa' diehel fil-karozza tal-parte leza. L-incident sehh fejn hemm id-dahla tal-Maghtab. Iz-zewg sewwieqa ma kellhom lil hadd jakkumpanjahom fil-karozza rispettiva tieghu. Biss pero' kien hemm zewg xhieda okulari li huma totalment independenti mill-partijiet.

**Godwin Marmara'** xehed[3] li huwa kien se jaghlaq 72 sena. Fiz-zmien tal-incident kien diga' pensjonant izda kien jahdem xorta wahda. Huwa *public accountant* u dak iz-zmien tal-incident kien ghadu attiv fil-professjoni tieghu u kien ighix hajja attiva u kompletament indipendenti. In segwitu tal-incident, li kien involut fih, huwa tilef l-indipendenza tieghu tant huwa hekk li saqajh naqsitlu pulzier u jimxi bil-krozzi u dan wara operazzjonijiet li sarulu. Inkwantu ghad-dinamika tal-incident, huwa spjega li kien qieghed isuq il-vettura Perodua Reg Nru DBN 646, registrata fuq martu, fin-nizla ta' Alla u Ommu direzzjoni lejn San Pawl il-Bahar. Bhala traffiku quddiemu ma kienx hemm tant li baqa' niezel dritt. Kien hemm karozza quddiemu li kienet 'il boghod. Fil-karreggjata l-ohra ossija direzzjoni lejn it-Telgha t'Alla u Ommu ma kienx hemm karozzi ghaddejjin u inoltre' ma kienx hemm karozzi pparkjati fl-ebda wahda mil-karreggjati. L-incident sehh ezatt qabel ma ddur ghal Maghtab fuq ix-xellug tieghu. F'daqqa wahda tfaccat karozza skura u dahal fuqu sparat u dirett u

[2] Xhieda ta' Karen Cremona fit-13 ta' April, 2016
[3] Seduta tat-13 ta' April, 2016

faqghu mal-ewwel. Il-karozza kienet fuq in-naha tax-xellug tieghu izda kienet qeghda tinstaq fid-direzzjoni opposta li kien qieghed isuq huwa. Il-habta kienet *head on*. Mad-daqqa intilef ftit minn sensih u meta rega' gie f'tieghu ra d-duhhan hiereg mil-vettura tieghu, haseb li l-karozza kienet se taqbad, fetah is-seat belt u rnexxielu jiftah il-bieba u *he slided out* u sab l-ghajnuna u tpogga taht bankina. Ix-xhud esebixxa 3 ritratti[4] minn fejn jidher li l-karozza tieghu bl-impatt spiccat maqbuza fuq il-bankina u c-cint twaqqa' bl-impatt tal-karozza. Huwa ttiehed l-Isptar minn fuq il-post. Dakinhar ittiehdulu l-X-RAYS u poggewh taht osservazzjoni ghal erbgha u ghoxrin siegha. Baghtuh id-dar izda wara erbat ijiem kellu emoragija minn gewwa u gie rikoverat l-Isptar fejn gie stabilit li kellu problema gravissima minhabba li kienet intmissitlu l-*hip bone* u s-*socket* tal-*hip bone*. Saqajh tnaqqsitlu pulzier. Kellhom jigbdulu saqajh u ghamlulu intervent u b'kollox dam tlett (3) xhur l-Isptar. Baqa' jmur ghat-terapija u kellu wkoll imur l-Ingilterra biex jaghmlulu *implant*.

Iben il-parte civile, **Keith Marmara'**, ipprezenta tlieta u ghoxrin ritratt[5] li ttiehdu ezattament wara l-incident.

**Is-Surgent 50 Oriana Spiter**i ezebiet l-isketch[6] li hejjiet hija meta marret fuq il-post. Hija xehdet[7] li nnutat li l-vetturi kienu mahbutin *head on*. Hija spjegat li fil-bidu mill-Isptar kienet inghatat certifikat li s-sur Marmara' kien sofra griehi ta' natura hafifa, izda insegwitu ighatat certifikat li kien garrab griehi ta' natura gravi u b'hekk gie infurmat l-Ispettur Mifsud. Hija kkonfermat ukoll li inghatat mil-familjari tas-sur Marmara' karta miktuba[8] bil-versjoni tal-incident li sehh u dan billi meta kienet waslet fuq il-post huwa ma setax imur l-Ghassa.

[4] Dok GM1 sa GM3

[5] Dok KM1 sa KM23. KM1, KM2, KM3 u KM21 ttiehdu izda minn Jonathan Marmara' (xhieda tat-13 ta' April 2016)

[6] Dok OS2 a fol 65 tal-process

[7] Seduta tat-13 ta' April 2016

[8] Dok OS3 a fol 9 tal-process. Fis-seduta tat-13 ta' April 2016, Godwin Marmara' ikkonferma li dan id-dokument inkiteb minn persuna tal-familja tieghu waqt li huwa bil-fomm kien qieghed ighidilha x'gara u dan ghaliex huwa kien mugugh hafna u ma setax jikteb dak il-hin. Biss il-firma fuq id-dokument hija tieghu.

**Christian Borg** xehed[9] li dakinhar tal-incident huwa kien qieghed isuq, niezel mit-telgha ta' Alla u Ommu, sejjer lejn is-Salina. Quddiemu kien hemm ReadyMix. Dan it-trakk kiser minn quddiemu ghal gol-Maghtab. F'hin minnhom, fil-hin li t-trakk kiser ezatt, ra karozza sewda gejja ghal fuqu. Kienet wrong way billi kienet fil-kareggjata li fiha kien qieghed isuq huwa. Fil-hin li qasam it-trakk ra l-karozza sewda *wrong way* bil-brejk ikaxkar. Ix-xhud qal li huwa skapula l-karozza billi kiser wara t-trakk u b'hekk il-karozza s-sewda habtet mal-karozza li kienet qeghda tinstaq warajh u dan hekk kif kien diga' dar ftit. Sema' hoss kbir u niezel biex ighin. Meta waqaf, sab il-karozza s-sewda dahlet gol-karozza l-ohra mtella' l-bankina u waqqghat il-hajt hekk kif jidher fir-ritratt Dok GM3. Huh cempel lill-ambulanza. Ix-xhud mar fuq ix-xufier tal-karozza s-sewda biex johorgu. Kien qieghed izomm rasu bil-qatgha u hareg minn gol-karozza. Imbaghad x-xhud mar biex ighin lix-xufier tal-karozza l-ohra izda dan kien diga' inhareg fuq il-bankina bilqeghda. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien qieghed isuq il-karozza s-sewda u lil Godwin Marmara' bhala x-xufier tal-karozza li spiccat dahlet goc-cint. Mistoqsi kif induna li l-imputat kien qieghed jaghfas il-brejk, ix-xhud wiegeb li kien qieghed itella' d-duhhan mit-tyres. Kien hemm anki twerzieq tat-tyres. Huwa qal ukoll li fil-kareggjata li kienet taghti ghat-Telgha t'Alla u Ommu ma kienx hemm karozzi ghaddejjin. Quddiem il-karozza misjuqa mil-imputat ma kienx hemm karozzi.

In kontro-ezami huwa qabel li l-vettura s-sewda kienet qeghda tinstaq minn faccata tieghu, it-trakk tar-*readymix* li kien quddiemu qasam ghal quddiem il-karozza u l-karozza s-sewda spiccat fuq il-kareggjata li fiha kien qieghed isuq huwa biex jevita lit-trakk. Ix-xhud qal li ra *brakemarks* minn fuq il-kareggjata li fiha kien qieghed isuq l-imputat ghal fuq il-karreggjata l-ohra.

**Daniel Borg** xehed[10] li dakinhar tal-incident huwa kien passiggier f'vann misjuq minn huh. Huma kienu sejrin direzzjoni lejn is-Salina. Kienu lahqu qabzu r-roundabout. Kienu mexjin wara trakk tar-Readymix. Dan it-trakk qabad u qasam lejn il-Maghtab. F'daqqa

[9] Seduta tal-20 ta' April 2016
[10] Seduta tal-20 ta' April 2016

wahda minn warajh ra karozza sewda gejja direzzjoni lejn in-Naxxar bi speed eccessiv. Kienet izda qeghda tinstaq fil-karreggjata li kienu qeghdin fiha huma u dan skont ix-xhud biex jevita it-trakk. Huwa qal li ma semax xi braking. Huh kiser ghal wara t-trakk biex jevita lill-karozza s-sewda. Imbaghad semghu hoss qawwi meta kien hemm il-habta. Huwa u huh waqfu jaghtu l-ewwel ghajnuna. Il-karozzi mahbuta kienu fil-karreggjata taghhom. Il-karozza z-zghira kienet imtella' fuq il-bankina u l-hajt tal-ghalqa meghlub kif jidher fir-ritratt ezebit bhala Dok GM3. Ix-xhud cempel ghall-ambulanza.

L-**Ispettur Josric Mifsud**, li fiz-zmien tal-incident kien stazzjonat fl-Ghassa tan-Naxxar, xehed[11] li dakinhar tal-incident kien dahal rapport u l-pulizija kienu marru fuq il-post. Kienu gew infurmati li x-xufier li ddahhal l-isptar ma kienx sofra griehi gravi u komplew bl-iskizz. Wara li kien ghadda z-zmien gew infurmati li s-sur Marmara' kien sofra feriti ta' natura gravi. Huwa imbaghad sab zewg persuni li kienu ezatt quddiem il-vettura tas-Sur Marmara' meta sehh l-incident li ttellghu jixhdu u kienu wkoll rrilaxxjaw dikjarazzjonijiet. Fuq talba tal-parte leza ghamel tfittxija dwar jekk is-sur Marmara' kienx involut f'xi incident awtomobolistiku iehor, l-Ispettur qal li wara ricerka li saret irrizulta li ma kien involut f'ebda incident iehor.

L-imputat **Clint Mifsud** xehed[12] li fis-27 ta' Gunju 2014 kien qieghed isuq karozza Kia, Reg. Nru CLT 117 tiela' t-telgha ta' Alla u Ommu billi kien gej minn Bugibba. Hekk kif wasal fejn it-triq li taghti lejn il-Maghtab, fuq ix-xellug tieghu, f'daqqa wahda ra trakk kbir tar-Readymix quddiemu. Ighid li karozzi quddiemu ma tantx kien hemm u li kien qieghed isuq b'velocita' normali. Spjega li kif ra t-trakk quddiemu, ma kellux cans u ma seta' jaghmel xejn hlief li jikser l-isteering biex jiskapula l-vann kbir. Dar van kbir tal-aluminium, skapula lilu wkoll. Kif diehel fi triqtu biex ma jahbatx kemm jista' jkun sab lill-parte civile u baqa' diehel fih. Il-parte civile kien qieghed isuq bil-kontra tieghu u r-ReadyMix ukoll. It-trakk ghalaqlu triqtu u ma kellux alternattiva hlief li jmur in-naha l-ohra tat-triq. It-trakk qabad u qasam bla ebda sinjal u ezatt warajh kiser iehor tal-

[11] Seduta tat-8 ta' Marzu 2017
[12] Seduta tas-17 ta' Jannar 2018

aluminium izda dan tal-ahhar kiser ghax ra lill-imputat u huwa kompla jiskapulah. Kif diehel fi triqtu biex ma johloqx accident sab lill-parte civile u dahal fih. In kontro-ezami qal li huwa ma wzax brejkijiet ghaliex ma setax. Bejnu u r-ReadyMix ma kienx hemm wisq distanza. Il-Kia Ceed ghandha ABS system. Qal imbaghad li ghafas ftit zghira l-break, ma kellux alternattiva skontu ghaliex l-alternattiva l-ohra kienet li jikser gol-hajt. Bhala velocita' jsostni li ma kienx ghaddej b'aktar minn sittin.

Ili inkwantu ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti se tirreferi ghas -sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef[13]:**

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

*jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid* ***Manzini****:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.*

*Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-****Artikolu 225 tal-Kap. 9,*** *u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-****artikolu 225 tal-Kap 9*** *jiddisponi s-segwenti:*

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …"*

*Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-*

*1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;*

*2. kkaguna l-mewt ;*

*3. fuq persuna.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet* ***il-Pulizija vs Richard Grech*** *dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-*

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew*

*konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

*L-awtur Taljan* ***Giorgi*** *fil-ktieb tieghu* ***Teoria delle Obbligazione*** *– 1127 pagna 46 ighid:-*

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990****, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;*

*u*

*3 la possibilita di prevedere.*

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide* ***Il-Pulizija vs John Vella*** *deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).*

*X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara*

*trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide* ***Il-Pulizija vs Manuel***

***Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)*

*Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

*Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:*

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz*

*partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*

***(vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950****).* "

*Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.*

Dawn l-insenjamenti huma applikabbli ghall-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali s'intendi meta l-persuna tkun sofriet xi tip ta' ferita u ma tkunx tilfet hajjitha.

Illi dwar id-dinamika tal-incident jirrizultaw inkontestati diversi fatti. L-imputat kien qieghed isuq il-vettura tieghu direzzjoni lejn it-Telgha ta' Alla u Ommu. Quddiemu ma kienx hemm karozzi. Fuq il-karreggjata l-ohra, ossija direzzjoni lejn is-Salina, kien hemm tlett vetturi li kienu fil-prossimita' ta' xulxin. Kien hemm Trakk ReadyMix fuq quddiem li s-sewwieq tieghu mhux maghruf, vann tal-aluminium misjuq minn Christian Borg li tressaq bhala xhud f'dawn il-proceduri; u l-karozza misjuqa mill-parte civile. Traffiku f'dik il-karreggjata lanqas ma kien hemm. Proprju fil-punt fejn hemm triq li taghti ghall-

Maghtab, it-trakk ReadyMix qabad u qasam u biex ghamel dan ried jaqsam fuq il-karreggjata li kien qieghed fiha l-imputat. L-imputat biex jiskapula li jahbat mat-trakk ReadyMix dahal fil-karreggjata opposta bil-konsegwenza li baqa' diehel gol-karozza misjuqa mill-imputat.

Il-kwistjoni hija jekk ir-responsabilita' tal-incident hiex kollha attribwibbli lill-imputat. Min-naha tieghu l-imputat issolleva zewg difizi dik tat-terzo ignoto u dik ta' emergenza subitanea. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma jistax b'xi mod jinvoka d-difiza tat-terzo ignoto. Hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u fil-kaz odjern l-habta kienet bejnu u l-parte civile. Il-kwistjoni li trid tigi epurata hija jekk huwa ghnadux jinstab hati kriminalment ghall-incident.

Inkwantu ghad-difiza tal-emergenza subitanea huwa assodat li tali difiza ma tigix akkolta b'success jekk fil-fatt is-sinistru jkun inholoq proprju mill-persuna nnifisha li qeghda tinvoka tali difiza u dan minhabba non-osservazzjoni u non-kuranza tar-regolamenti.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grech**[14] li tqis li huwa ferm relevanti ghall-kaz odjern:

*Kwantu ghall-kwistjoni dwar il-prevedibilita` tal-event dannuz, huwa veru li ghal dak li jirrigwarda imprudenza jew negligenza generika (jew, kif isejhilha Francesco Antolisei "…casi di colpa che derivano da inosservanza di usi sociali…" 1) il-kriterju jew kejl tal-prevedibilita` huwa wiehed importanti, anzi essenzjali:*

***Di un'imprudenza o negligenza generica, infatti, e` possibile parlare solo quando era prevedibile che dall'azione sarebbe derivato l-evento nocivo, perche` se il risultato non poteva essere previsto, nessun rimprovero puo` muoversi all'agente. Da secoli nella vita giuridica si fa costantemente uso del criterio in parola***

[14] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fis-6 ta' Gunju 2003

***e le larghissime discussioni svoltesi in proposito hanno dimostrato che esso e` veramente indispensabile ed insostituibile.***[15]

*Mill-band l-ohra ma hemmx dubbju li jekk persuna tkun qed issuq minghajr ma zzomm "a proper lookout" (ghax aljenata, distratta, ghajjiena, jew ghal xi raguni ohra, hi x'inhi) hu prevedibbli li ma tkunx fi grad li tirreagixxi kif suppost meta, per ezempju, xi hadd jaqsam it-triq jew javvicina l-vettura mill-genb biex jaqsam. Li wiehed izomm "a proper lookout" waqt li qed isuq, u cioe` li mhux biss ihares dritt quddiemu izda li jiehu kont ukoll tac-cirkostanzi kollha relevanti ta' madwaru inkluz dak li jista' jkun qed jigri fil-gnub tat-triq, hija norma ta' kondotta socjali intiza proprju biex tevita l-hsara; u jekk allura persuna ma tkunx qed izzomm "a proper lookout" kif hawn fuq spjegat, u minhabba dak in-nuqqas tigri xi hsara, dik il-persuna trid twiegeb ghall-hsara involontarja hekk kagunata. Fi kliem l-awtur appena kwotat:*

***A noi sembra che per comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita` diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per i terzi. L'esperienza comune o tecnica, cioe` propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita`, insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregudicati. Sorgono per tal modo delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possesore di un'arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita`, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu` o meno perocolose, in modo da prevenire, per quanto e` possibile, conseguenze nocive per i terzi. Cosi` all'imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e` prescritto di collocare certi segnali.***

---
[15] ***Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*** Giuffre` (Milano), 1989, p. 325

***Il reato colposo nasce sempre e` soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi` formulato, e` la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche` nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di avere voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo` muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi.***[16]

*Mill-banda l-ohra, il-prevedibilita` mhix bizzejjed; il-hsara jew l-event dannuz irid ikun ukoll fil-kaz konkret evitabbli:*

***Va, peraltro, notato che, se la prevedibilita` dell'evento causato e` necessaria per la sussistenza della colpa, essa non e` sufficiente. Occorre anche la prevenibilita` od evitabilita` dell'evento medesimo, giacche` il risultato che il soggetto non e` in grado di impedire non gli puo` essere posto a carico, rappresentando nei suoi confronti una mera fatalita`***[17]***.***

*Fi kliem iehor, biex nuqqas ta' "proper lookout" iwassal ghal responsabbilta` penali il-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas ta' "proper lookout" dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kienitx issehh f'dak il-grad li effettivament sehhet. Jekk dik il-hsara fi kwalunkwe kaz ma setghetx tigi evitata, allura jigi nieqes in-ness ta' kawza u effett bejn in-nuqqas ta' "proper lookout"*

---

[16] *op. cit.* pp. 322-323. Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Richard Grech*** App. Krim. 21/3/1996; ***Il-Pulizija v. Tracisio Fenech*** App. Krim. 26/3/1998; ***Il-Pulizija v. Remigio Sacco*** App. Krim. 16/3/1999.

[17] *op. cit.* p. 325.

*(l-ghemil negligenti) u l-hsara kagunata (l-effett dannuz); ma jkunx jista' jinghad li n-nuqqas ta' "proper lookout" kien kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-hsara kagunata.*[18]*"*.

Tenut kont tal-insenjamenti u gurisprudenza fuq riportata, il-Qorti tqis li dan is-sinistru kien ikkawzat unikament min-naha tal-imputat u dan ghaliex huwa altru milli evidenti li huwa kien qieghed isuq bi speed eccessiv tant li ma setax jikkontrolla l-vettura tieghu biex iwaqqafha fil-hin meta t-trakk qasam u invadilu l-karreggjata u inoltre' lanqas kien qieghed izomm *a proper lookout*. Irrizulta li t-trakk qabad u qasam minghajr ma xeghel *indicator* u dan huwa certament kundannabbli, biss pero' trakk ReadyMix li huwa vettura ta' certu piz ma jistax jaghmel il-manuvra li ghamel b'sewqan qawwi. L-imputat la kien qieghed attent ghal dak li kien qieghed jigri quddiemu meta ma kellu xejn x'jostakolalu l-vizwali; u inoltre' l-ispeed tieghu kien wiehed eccessiv. Il-Qorti qeghda tikkonkludi li l-ispeed tal-imputat kien wiehed eccessiv u li l-imputat jahti ghall-incident *de quo* ghal diversi ragunijiet li jirrizultaw mill-provi prodotti:

- L-ahwa Borg xehdu li raw karozza sewda gejja mid-direzzjoni opposta li pero' kienet qeghda tinstaq fil-kareggjata taghhom li kienet gejja bi speed qawwi. Verament li l-imputat qabez fuq dik il-karreggjata biex jevita lit-trakk li qabad u qasam izda dan ghamlu ghaliex waqt li kien qieghed isuq bi speed elevat gab lilu nnifsu f'sitwazzjoni li ma setax iwaqqaf il-karozza fil-pront. Filwaqt li x-xufier tat-trakk tar-ReadyMix ghamel hazin, biss pero' l-imputat ma jistax iwahhal fih ghall-incident. Bit-toqol tieghu t-trakk zgur li ma darx b'sahha u li kieku l-imputat kien qieghed isuq b'sewqan moderat u jzomm *a proper look out* kien mill-ewwel jinduna x'kien se jigri u kien jirnexxielu iwaqqaf il-vettura tieghu. Oltre' dan, meta sewwieq ikun qieghed javvicina xi *side-street* ikun dejjem ghaqli li jkun ferm aktar attent ghal dak is-sewwieq li proprju

[18] Ara ***Il-Pulizija v. Alexander Azzopardi*** App. Krim. 26/2/2001.

jfettilu jaghmel dak li ghamel ix-xufier tat-trakk ghaliex sfortunatament tali prattika hija pjuttost frekwenti fit-toroq taghna.

- Mir-ritratti ezebiti u mill-okkorrenza wkoll jirrizulta li l-hsarat fil-karozzi rispettivi involuti kienet wahda sostanzjali, partikolarment dik tal-parte leza. Dan huwa wkoll indikattiv ta' impatt qawwi hafna.
- Oltre' dan irrizulta wkoll li l-habta saret *head on* fil-karreggjata opposta ghal dik li kien intiz li qieghed isuq fiha l-imputat. Dan jirrizulta mhux biss mir-ritratti ezebiti, kif ukoll mix-xhieda tal-parte leza u mhix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li marru fuq il-post.
- Fl-ahharnett ma jistax ma jigix rilevat li l-imputat fix-xhieda tieghu ma kienx konsistenti partikolarment fejn l-ewwel jixhed li lanqas cans ma kellu li jaghfas il-brejk u filli jghid li ghafsu ftit. Dan jaghti x'jifhem allura li l-imputat ma kienx qieghed jaghti kaz ta' x'kien qieghed jigri quddiemu ghaliex altrimenti li kieku t-trakk kien tant vicin tieghu kien jibqa' diehel fih u lanqas kien jaghtih cans jaqbez ghall-karreggjata l-ohra. Il-verita' hija li l-imputat ra t-trakk li qabad u qasam u meta induna ma kienx daqstant vicin tieghu izda huwa rrealizza li bil-velocita' li kien ghaddej ma kienx se jirnexxielu jieqaf waqt li kien fil-karreggjata tieghu. Ghalhekk qasam ghall-karreggjata l-ohra, u filwaqt li l-vann tal-aluminium irnexxilu jiskapula lill-imputat billi dar wara t-trakk, il-parte leza ma kellux tali xorti.  L-imputat fix-xhieda tieghu qal li kien qieghed isuq bis-sittin izda dan ma jistax ikun ghaliex kieku l-incident seta' gie evitat.

**In-Natura tal-Griehi Sofferti mill-Parte Leza**

Stabilit li l-imputat jahti ghall-incident li sehh, jehtieg li jigi stabilit n-natura tal-griehi sofferti mill-parte leza. Hekk kif irrizulta s-sur Marmara' meta ddahhal l-isptar thalla rikoverat ghal erbgha u ghoxrin siegha, ttiehdulu xi X-rays u gie ccertifikat li kellu griehi hfief

salv jekk jirrizultaw xi kumplikazzjonijiet[19]. Imbaghad madwar gimgha reggha ttiehed l-isptar bl-ambulanza u gie ccertifikat li kien qieghed isofri minn griehi gravi[20]. **Dr Audrey Aquilina** xehdet[21] li fit-3 ta' Lulju 2014 hija ezaminat lis-sur Marmara' flimkien mal-konsulent Mary Rose Cassar. Huma gew infurmati li kien involut f'incident tat-traffiku gimgha qabel u beda jilmenta li ma setax jimxi u ma setax juza' n-naha ta' isfel ta' saqajh il-leminija. Ghalhekk ittiehidlu X-ray tal-*pelvis* u sabu li kellu frattura fl-*acetabulum*. Hija ma tistax tghid x'kienet il-kawza tal-griehi.

**Mr Thomas Azzopardi**, Specjalista tal-Ortopedija u konsulent fl-Isptar Mater Dei u anki Sptarijiet Privati, xehed[22] li Godwin Marmara' dahal taht il-kura tieghu fit-3 ta' Lulju 2014. Huwa kien involute f'incident tat-traffiku fis-27 ta' Gunju 2014 fejn kellu head injury u kien dahal ghall-osservazzjoni taht il-konsulenta tal-emergenza. Mr Azzopardi jixhed li *sfortunatament kellu injuries ohrajn li gew missed, li ma sarux diagnosi fuqhom u ntbaghat id-dar. U jipprezenta fit-3 ta' Lulju b'injuries severi fejn kellu fracture dislocation tar-right hip.* Kif dahal ghamluh fuq il-piz, saritlu operazzjoni fil-11 ta' Lulju 2014 u kellu xi kumplikazzjonijiet. Fis-26 ta' Lulju intbaghat l-Isptar Karen Grech ghal rijabilitazzjoni fejn kompla bil-konvalexxenza tieghu. Zviluppa kumplikazzjonijiet ohrajn fejn kellu *vascular hypnosis*, mietet il-hip joint u zviluppa hafna wgiegh u kontrattura fil-hip. B'hekk gie riferut lil specjalista Dr Duncan Whitwell li jigi minn Oxford bhala visiting consultant fejn sarlu intervent iehor fuq il-hip fejn saret *complex bone replacement* u l-pazjent rega' gie lura minn barra u qieghed ikompli bil-konvalexxenza tieghu. Ix-xhud gie mistoqsi jekk dawn l-injuries kollha huma rizultat tal-incident jew inkella il-fatt li gie *misdiagnosed* affettwax, ix-xhud wiegeb li huwa kellu *injury* severa. Il-fatt li kien hemm dewmien zied ir-riskju ta' *vascular necrosis* u dawn il-kumplikazzjonijiet. Biss huwa spjega li s-sur Marmara' kellu *central fracture dislocation fejn il-hip sfrundat il-femoral head, sfrundat is-socket gol-pelvis* u din hija l-*injury trauma* severa. In kontro-ezami huwa qal li

[19] Dok OS4 a fol 11 tal-process
[20] Dok OS3 a fol 10 tal-process
[21] Seduta tat-18 ta' Mejju 2016
[22] Seduta tas-17 ta' Jannar 2017

l-pazjent kien qallu li qabel ma baghtuh id-dar wara l-incident huwa kien kellem lil soru tas-sala fejn qalilha li ma setax jimxi u qaltlu biex ma joqghodx jaghmel ghageb u huwa mar id-dar bi tbatija kbira. Ghalkemm huwa ma kienx rah dak iz-zmien, Mr Azzopardi sostna *Fuq l-injury li kellu u fuq l-istorja li tani hija estremament plawsibbli li kienet il-mekkanizmu tal-injury ghax central dislocation tal-hip hi injury partikolari li jsir meta individwu jkun bilqeghda li tkun meta tkun qed issuq"*. Ix-xhud qal ukoll *"Jiena li nista' nghidlek beyond reasonable doubt li dina kienet missed injury"*.

Illi abbazi ta' tali xhieda kif ukoll tax-xhieda tal-istess parte leza li xehed li wara li kien *discharged* l-ewwel darba lanqas felah jimxi u kellu joqghod fis-sodda u inoltre' tenut kont li ma rrizultax li l-parte leza kien involut f'xi incident iehor, il-Qorti tqis li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi u hija wkoll moralment konvinta li l-parte leza b'konsegwenza diretta tal-incident sofra griehi ta' natura gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk mill-provi prodotti l-imputat se jinstab hati tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Mill-provi prodotti jirrizulta li b'konsegwenza tal-incident inkwistjoni, il-vettura misjuqa mill-parte leza garbet hsarat u dan huwa evidenti mir-ritratti ezebiti, ghalkemm ebda stima ma giet prezentata in atti.

L-imputat se jinstab hati anki ta' din l-imputazzjoni.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti tqis in-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali netta u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' multa li mhux se tkun minima sabiex l-imputat

jifhem li meta jkun qieghed isuq ghandu jaghmel dan b'responsabilita'.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 226(1)(a) u 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erbat elef Euro (€4,000).

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-hati Clint Mifsud milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur, liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tallum.

F'dawn il-proceduri ma kien hemm l-ebda hatra ta' esperti u ghalhekk, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghal hlas tal-esperti.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**